MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-27 ta' April, 2005

Avviz Numru. 719/2001/1

**Avviz numru 719/01DM**

**C. Fino & Sons Limited**

**Vs**

**Neville u Antoinette konjugi Bonnici**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti sabiex ihallsu s-somma minnhom dovuta ta’ elf, sitt mija u wiehed u disghin Lira Maltija u hamsa u hamsin centezmi (Lm1,691.55c) bilanc ta’ somma akbar rapprezentanti prezz ta’ ghamara lilhom mibjugha u konsenjata skond ‘statement unit’ u mmarkat Dok ’A’.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra nterpellatorja tal-21 ta’ Marzu, 2001, ta’ l-ittra ufficjali tas-27 ta’ April, 2001, tal-Mandat ta’ Sekwestru pprezentat kontestwalment ma’ l-

Avviz, u bl-imghax legali mill-21 ta' Marzu, 2000, l-ahhar konsenja ta' l-ghamara skond l-istess Dok 'A', kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas- subizzjoni

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew illi:

1 L-ammont dovut mill-eccipjenti huwa elf mitejn u dsatax -il lira u hamsa u hamsin centezmu (Lm1219.55c) peress illi d-differenza ta' erba' mija tnejn u sebghin lira (Lm472) huma danni li garrbu l-eccipjenti unikament tort tas-socjeta attrici. Ghalhekk l-eccipjenti qed iressqu kontrotalba;
2 Bla pregudizzju ghall-premess it-talba tas-socjeta attrici ghall-hlas tal-imghax kif dedotta hija legalment insostenibbli stante li l-eccipjenti hallsu l-ammont ta' Lm1219.55c ghas-saldu qabel saret din il-kawza izda s-socjeta' attrici ghalkemm ma accettatx dan il-pagament ghas-saldu zammet ghandha u baqghet ma ritornatx lill-eccipjenti c-cheque li permezz tieghu huma ghamlu l-hlas.
3 Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-Ligi.

Rat il-kontrotalba tal-konvenuti fejn talbu illi:

1. Is-socjeta' attrici tigi kkundannata thallas lill-konvenuti s-somma ta' erba' mija u tnejn u sebghin lira Maltin (Lm472) in linea ta' danni minnhom ikkagunati u minnhom subiti meta 'cooker (extractor) hood' minnhom ikkonsenjat kien difettuz, liema difett kien a konoxxenza taghhom, u b'konsegwenza tal-funzjonament hazin tal-istess apparat kien ikkagunat nar fil-kcina tar-residenza tal-konvenuti f'47, Triq Sir Philip Pullicino, Mtarfa, fil-5 ta' Jannar, 2000, prevja d-dikjarazzjoni li ghal dan l-incident u konsegwenzjali danni kienu l-atturi unikament responsabbli;

2. Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra s-socjeta attrici li giet ingunta ghas-subizzjoni

Rat in-nota tal-eccezzjoijiet tas-socjeta attrici rikonvenuta ghall-kontrotalba tal-konvenuti fejn eccepew illi:

1 Preliminarjament, in-nullita' tal-Kontrotalba minhabba nuqqas ta' kompetenza ta' din l-Qorti *rationae valoris*

2 Bla pregudizzju ghall-premess u fil-mertu t-talbiet tal-konvenuti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom peress illi mhux minnu illi l-allegat difett fil-'cooker hood' kien a konoxxenza tas-socjeta eccipjenti, u peress illi s-socjeta' attrici ma kkagunat l-ebda danni lill-konvenuti;

3 Fi kwalunkwe kaz ghandha tigi kjamata fil-kawza is-socjeta' Oxford House Limited minn ghand min is-socjeta' eccipjenti xtrat il-'cooker hood';

4 Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-Ligi.

Rat il-verbal tat-28 ta' Frar, 2002, fejn il-kawza giet differti ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni ta' inkompetenza *rationae valoris* sollevata mill-kumpanija attrici fir-rigward tal-kontrotalba tal-konvenuti.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-kontendenti;

Semghet it-trattazzjoni tal-kaz;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

L-ewwel (1) eccezzjoni ta' l-atturi ghall-kontrotalba mressqa mill-konvenuti konjugi Bonnici tirrigwarda n-nullita' ta' l-istess kontrotalba minhabba n-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti *rationae valoris* billi, kif jirrizulta mill-istess kontrotalba, il-konvenuti qieghdin jitolbu kundanna ta' l-atturi ghall-hlas ta' somma ta' erba' mija u tnejn u sebghin lira Maltin (Lm472) in linea ta' danni.

Billi bl-emendi ntrodotti fl-1 ta’ Awissu, 2001, il-kompetenza tat-Tribunal ghat-Talbiet Zghar zdiedet fil-valur minn mitejn u hamsin lira Maltin (lm250) ghal elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500), it-talba tal-konvenuti, kieku mhux proposta bhala kontro talba, kienet definittivament taqa’ barra mill-kompetenza ta’ din il-Qorti, billi stante li kienet ta’ valur ta’ inqas minn elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) il-kompetenza kienet tispetta lit-Tribunal Ghat-Talbiet Zghar, u dana peress illi l-istess talba giet imressqa bl-eccezzjonijiet ipprezentati fis-17 ta’ Settembru, 2001, u fi proceduri mibdijin mill-atturi fis-7 ta’ Awissu, 2001; dejjem wara l-1 ta Awissu 2001.

Ghalhekk dak li trid tiddetermina l-Qorti huwa jekk, minhabba l-fatt biss illi t-talba tal-konvenuti giet imressqa bhala kontrotalba fil-proceduri li huma ta’ kompetenza ta’ din il-Qorti mibdijin mill-atturi, dan ghandux iwassal ghall-accettazzjoni ta’ l-istess talba minn din il-Qorti bhala wahda li taqa’ taht il-kompetenza taghha. Ossia jekk il-kontrotalba, ghar-raguni biss illi giet proposta fi proceduri diga’ pendenti quddiem din il-Qorti fil-kompetenza taghha, u minhabba l-fatt illi din il-kontrotalba gejja mill-istess kuntratt illi minnu gejja t-talba ta’ l-atturi, u jirrizulta wkoll illi l-iskop ta’ l-istess kontrotalba tal-konvenuti huwa illi jpacu l-kreditu minnhom allegat mal-kreditu mitlub mill-atturi, ghandiex taqa fil-kompetenza taghha nonostante li tirrigwarda valur li huwa inqas minn dak stabbilit ghall-kompetenza tgahha skonf il-procedura civili.

Apparti l-kwistjoni ta’ l-valur, il-kontrotalba tal-konvenuti hija definittivament valida u accettabbli a tenur ta’ l-Artikoli 396 u 397 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Dawn l-istess Artikoli pero’ ma jaghtu ebda ndikazzjoni ta’ xi regoli li ghandhom jigu segwiti f’kazijiet simili, izda l-Artikoli 744 ta’ l-istess Kodici ta’ Organizzazzjonji u Procedura Civili jipprovdi hekk:

*‘Id-dispozizzjonijiet ta’ l-ahhar artikolu qabel dan jghoddu wkoll meta r-rikonvenzjoni ghal ragunijiet ohra ma tistax tigi proposta quddiem il-Qorti li fiha l-attur ikun ippropona t-talba tieghu, f’dan il-kaz it-talba tal-konvenut jekk tkun*

*konnessa mat-talba ta' l-attur ghal xi wahda mir-ragunijiet imsemmijin fl-Artikolu 396 tista' issir quddiem kull Qorti ohra kompetenti f'Malta.'*

Ghalkemm dan l-istess Artikolu jaghmel ukoll riferenza ghall-Artikolu 743 li jitkellem dwar il-gurizdizzjoni li tahta jaqa' kull rikonvenut f'kawza minnu proposta, ghal ragunijiet ta' pratticita' u anke ghall-ekonomija tal-gudizzju, l-interpretazzjoni li ghandha tinghata lill-Artiklu 744 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, hija illi, meta l-kontrotalba ma tissuperax u ma tezorbitax il fuq mill-kompetenza tal-Qorti li qed tiehu konjizzjoni tat-talba attrici sakemm il-kontrotalba tkun taqa' fil-binarji stabbiliti mill-Artikoli 396, 397 il-Qorti ghandha l-jedd li tiehu konjizzjoni anke ta' dik il-kontrotalba u tiddecidieha fl-istess gudizzju li fih tiddeciedi t-talba attrici.

Ghaldaqstant qieghda tirrespingi l-ewwel (1) eccezzjoni tas-socjeta' attrici dwar l-allegazzjoni ta' inkompetenza maghmula fil-konfront tal-kontrotalba proposta mill-konvenuti, u konsegwentement tiddikjara il-kontrotalba valida u tiehu konjiozzjoni taghha.

Bl-ispejjez riservati a gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------